# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 104/22/1 BS**

**Ta' Vella Company Limited (C85618)**

**v.**

**Michael Zammit Holdings Limited (C9105) u**
**Michael Angelo Zammit għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell tal-konvenuti, kemm mid-deċiżjoni tat-30 ta' Marzu 2023 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fejn ġiet imneħħija r-risposta maħlufa tal-konvenuti għaliex din ġiet imressqa tard, kif ukoll mis-sentenza finali tat-23 ta' Frar, 2024 fejn il-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu lill-attriċi s-

somma ta' €29,745.17, bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Awwissu, 2022 u bl-ispejjeż tal-kawża.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali (l-Ewwel Qorti) fit-12 ta' Settembru, 2022, is-soċjetà Ta' Vella Co Ltd (is-soċjetà attriċi) spjegat x'wassal għal din il-kawża:

> "1. "Illi s-soċjetà esponenti għamlet xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-propjetà magħrufa bħala 'ta' Randu' u ċjoè fi Triq Ġdida fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, Sannat, Għawdex;
>
> 2. Illi dawn ix-xogħljiet kienu jikkonsistu għal bini tal-ħitan diviżorji inkluż ukoll taħmil u x-xogħol ta' pedamenti l-kostruzzjoni tal-istess ħitan diviżorji u dan hekk kif miftiehem bejn il-partijiet;
>
> 3. Illi s-soċjetà esponenti għandha tieħu s-somma ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€29,745.17) relattivi għax-xogħlijiet intrapriżi hekk kif spjegat u dan hekk kif jidher mill-kont hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;
>
> 4. Illi minkejja li s-soċjetà esponenti interpellat lill-konvenuti diversi drabi sabiex jeffettwaw il-ħlas tal-imsemmija xogħlijiet, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;
>
> 5. Illi infatti s-soċjetà esponenti anke kienet interpellat lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont dovut u dan permezz ta' Ittra Uffiċjali Nru. 467/2022 kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;
>
> 6. Illi minkejja dan kollu, il-konvenuti baqgħu inadempjenti u ma ħallsux;
>
> 7. Illi s-soċjetà esponenti tiddikjara li sa fejn taf hi, il-konvenuti ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba odjerna;
>
> 8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża u l-esponenti jiddikjara li jaf dawn il-fatti personalment;"

2. Is-soċjetà attriċi ressqet dawn it-talbiet:

> "1. "Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tiddikjara dovuta lir-rikorrenti mill-konvenuti jew min minnhom, bħala debitur/i, is-somma komplessiva ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€29,745.17), rappreżentanti l-ħlas dovut fuq xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà attriċi hekk kif spjegat fir-rikors ġuramentat;
>
> 3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi bl-imgħaxijiet relattivi sal-effettiv pagament;
>
> Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali Numru 467/2022 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. /2022 intavolat kontestwalment, bl-imgħaxijiet legali u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu mħarrka."

3. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022 l-Ewwel Qorti, referibbli għall-ewwel talba, qieset li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu għat-talbiet attriċi u għalhekk awtorizzathom jippreżentaw risposta ġuramentata "fi żmien għoxrin jum mil-lum".[1]

4. Ir-risposta ġuramentata ġiet ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2022. Fis-6 ta' Jannar, 2023 l-attriċi ppreżentat rikors li permezz tiegħu, wara li ppremettiet li r-risposta ġuramentata kienet tardiva, talbet l-isfilz tagħha. Il-konvenuti laqgħu għal dan ir-rikors b'risposta ta' tnejn u tletin (32) paġna, li permezz tagħha opponew l-isfilz u komplew billi ressqu sitt

[1] Fol. 15.

talbiet, li l-ebda waħda minnhom ma tindirizza t-talba tal-attriċi għall-isfilz tar-risposta ġuramentata.

5. B'deċiżjoni tat-30 ta' Marzu, 2023, l-Ewwel Qorti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi u ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata tal-konvenuti.

6. B'rikors tal-4 ta' April, 2023, il-konvenuti talbu lill-Ewwel Qorti permess sabiex jappellaw minn dak il-provvediment tat-30 ta' Marzu, 2023, iżda b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2023, it-talba ġiet miċħuda.

7. Fil-kontumaċja tal-konvenuti nstemgħu l-provi tas-soċjetà attriċi u b'sentenza finali mogħtija fit-23 ta' Frar, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

> "i. Tiddikjara s-somma ta' disa' u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€29,745.17) bhala dovuta mill-konvenuti lis-socjetà attrici għax-xogħol magħmul minnha a benefiċċju tal-istess konvenuti, u;
>
> ii. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-istess somma lis-soċjetà attriċi bl-imgħax mid-data tal-ittra ġudizzjarja numru 467/2022 tal-10 ta' Awwissu, 2022 sal-pagament effettiv.
>
> Bl-ispejjeż tal-ittra ġudizzjarja numru 467/2022 tal-10 ta' Awwissu, 2022, tad-deċiżjoni preliminari tat-30 ta' Marzu, 2023 dwar il-kontumaċja, u ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuti."

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni finali tagħha kienu dawn:

> "Illi din il-kawża titratta talba għal-ħlas magħmula mis-soċjetà attriċi kontra l-konvenuti wara xogħol magħmul minnha f'sit appartenenti f'porzjon lilha u terzi u f'ieħor lill-konvenuti. L-istess xogħol kien konsistenti fi tħammil, bini ta' pedamenti, u bini ta' ħitan diviżorji.
>
> Kontra d-dikjarazzjoni tas-soċjetà attriċi u x-xhieda miġjuba minnha li x-xogħol sar mis-soċjetà attriċi ma' tressqu ebda provi *stante* l-kontumaċja tal-konvenuti.
>
> B'dan iżda li kemm mit-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet kif ukoll mid-dikjarazzjoni magħmula in atti mil-Perit Steve Scicluna, il-pjanta minnu esibita, u r-ritratti esibiti mis-soċjetà attriċi, liema ritratti ġew konfermati bħala awtentiċi bil-firma tan-Nutar Joel Grima, kif ukoll mil-fatt li in atti tirriżulta kopja ta' ittra ġudizzjarja numru 467/2022 tal-10 ta' Awwissu, 2022 li ġiet intavolata mis-soċjetà attriċi kontra l-konvenuti; din il-Qorti hija ben konvinta kemm li x-xogħol relattiv għall-pagament mitlub f'din l-istanza sar kif ukoll li sar mis-soċjetà attriċi.
>
> B'dan li allura din l-istanza m'hija xejn għajr sempliċi talba għall-ħlas da parti ta' kreditur – is-soċjetà attriċi – kontra debitur – il-konvenuti
>
> Jibqa' allura li jiġi kkonfermat id-debitu dovut li f'dan il-każ huwa kkonfermat mil-kont maħruġ mis-soċjetà attriċi u anness mar-rikors ġuramentat kif, qabel ma' nbdew dawn il-proċeduri kien diġà ntbagħat lill-konvenuti bl-ittra ġudizzjarja numru 467/2022 tal-10 ta' Awwissu, 2022 u kif, f'dawn il-proċeduri, ġie debitament ikkonfermat mix-xhieda tas-soċjetà attriċi, ossia: [i] id-direttur tagħha John Vella; [ii] ibnu, Kevin Vella, li kien ukoll project manager inkarigat mix-xogħol li wassal għal din il-vertenza; [iii] kif ukoll il-Perit Steve Scicluna."

9. B'rikors tal-appell (rikors ta' mitejn u ħmistax-il paġna) tat-22 ta' Marzu, 2024 il-konvenuti (minn issa wkoll l-Appellanti) appellaw sew mid-deċiżjoni dwar it-tneħħija tar-risposta maħlufa, kif ukoll mis-sentenza finali u talbu lil din il-Qorti *"prevja kull dikjarazzjoni, provvediment w ordnijiet hekk meħtieġa w neċessarja, jogħġobha tikkonċedilhom il-permessi hekk meħtieġa sabiex jinterponu l-umili appell tagħhom mit-tali sentenzi, ossija, kemm dika tat-30 ta' Marzu 2023 kif ukoll dika tat-23 ta' Frar 2024 tal-Kawża giljottina fl-ismijiet premessi sabiex wara li tiġi ġġusitifkata l-*

*kontumaċja ta' l-istess esponenti appellanti, dina l-istess kawża odjerna tintbagħat lura l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex jitkompla l-prosegwiment ta' dina l-istess kawża odjerna.*"

10. Is-soċjetà attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellata) ressqet ir-risposta tagħha fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet li l-appell interpost mill-konvenuti jiġi miċħud.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**L-Appell mid-Deċiżjoni dwar il-Kontumaċja**

12. L-appellanti ressqu aggravju wieħed, mifrux fuq mitejn u ħmistax-il paġna, inkluż sitta u għoxrin paġna ta' dokumenti annessi, jattakkaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata tagħhom.

13. L-appellanti jagħmlu referenza għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem il-'Karta') b'mod partikolari għall-Artikolu 26 li jaqra kif ġej: "*L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni diżabbli li jibbenefikaw minn miżuri intiżi*

*sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità*." Isemmu li d-drittijiet tal-persuni diżabbli bħalma hu l-konvenut qed jiġu njorati.

14. Jispjegaw li l-konvenut huwa persuna b'mobbilità ristretta u l-aċċess għall-Qorti huwa ferm diffiċli għalih meta wieħed iqis li biex jasal saċ-Ċittadella hemm biss tlajjiet li m'għandhom ebda rampa għall-Bini tal-Qorti u / jew lift jew *stair-lifts*. L-appellanti jirreferu wkoll għall-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u għall-Artikolu 21 tal-Karta li jiprovdu l-protezzjoni kontra trattament diskriminatorju.

15. L-appellanti jfissru li r-risposta ġuramentata kienet ilha lesta minn ferm qabel ma skada t-terminu stabbilit mill-Ewwel Qorti imma l-konvenut ma kienx f'pożizzjoni idonea li jmur ir-Reġistru sabiex jaħlef ir-risposta u dan *stante* li sofra minn attakk sever ta' *hypoglycaemia* tant li "*kważi mmobbli għal kollox w prattikament "house bound" fid-dar tiegħu għal ġimgħa sħiħa*"[2]. Jagħmlu referenza għal ċertifikat mediku ta' Dr Peter Muscat datat 6 ta' Frar, 2023 u jinsistu illi fiż-żmien li kellha tiġi pprezentata r-risposta ġuramentata l-konvenut sofra attakk ta' *hypoglycaemia*, u peress li jgħix waħdu ma sabx għajnuna sabiex jieħu l-kura meħtieġa. Jgħidu wkoll li dawn it-tip ta' attakki huma frekwenti. Isemmu li l-konvenut isofri minn ulċera kronika fis-sieq il-leminija li parti

[2] Paragrafu 75.

minnha ġiet amputata. Jirrepetu li dawn il-kundizzjonijiet tas-saħħa waslu għal nuqqas ta' mobbilità.

16. L-appellanti jissottomettu li sabiex tissussti l-kontumaċja din kellha tkun: (a) kemm fl-atti; kif ukoll (b) fl-udjenza, fejn l-assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza wkoll mill-udjenza. Jgħidu li jumejn minn dawk it-tlitt ijiem tard li huwa ppreżenta r-risposta, kien hemm is-Sibt u l-Ħadd. Jinsistu li l-eċċezzjoni tan-nullità għandha dejjem tiġi interpretata ristrettivament. Ikomplu mbagħad billi jagħmlu referenza u jikkwotaw mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD).

17. L-appellanti jżidu li l-qrati tagħna dejjem interpretaw u applikaw l-istitut tal-kontumaċja b'mod restrittiv. Irreferew għall-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem*. Jgħidu li huma ma kellhom l-ebda intenzjoni li juru nuqqas ta' rispett lejn il-Qorti u li huma flimkien mal-legali tagħhom għamlu minn kollox possibbli sabiex tiddaħħal risposta ġuramentata fit-terminu impost mill-Ewwel Qorti.

18. L-appellanti jagħmlu referenza għal dak li sejħu *Judicial Notice* u jinsistu illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi skont id-dritt, is-sewwa u l-ġustizzja. Jagħmlu mbagħad referenza għall-proċeduri oħra fejn qegħdin parti u ċjoè Mandat ta' Inibizzjoni 24/2022 BS fl-ismijiet Zammit Michael

Angelo noe vs John Vella noe; Rik Ġur 91/2022 BS fl-ismijiet Michael Angelo Zammit noe v. John Vella pro et noe; kif ukoll Mandat ta' Inibizzjoni 56/2023 BS fl-ismijiet Michael Angelo Zammit et v. Giovann Vella et u jinsistu li l-Ewwel Qorti kellha tieħu kont tagħhom u ma kellhiex tippermetti lill-appellata tinvadi l-proprjetajiet tal-appellanti.

19. Is-soċjetà attriċi appellata topponi dan l-appell billi tgħid li dan l-appell ma hu xejn għajr tentattiv ieħor da parti tal-konvenuti appellanti sabiex itawwlu din il-kawża. Tgħid li l-Ewwel Qorti ddeċidiet korrettement. Issemmi illi l-eżerċizzju li għamlet l-Ewwel Qorti kien dupliċi. L-ewwel ta' natura matematika fejn stabbilit li verament ir-risposta ġuramentata ġiet intavolata wara li għalaq it-terminu ta' għoxrin jum. It-tieni, kkunsidrat ir-raġunijiet li ressqu l-appellanti sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom u d-deċiżjoni tagħha kienet motivata sewwa u timmerita li tiġi kkonfermata. Tissottometti illi dan l-appell huwa ripetizzjoni ta' dak li ġie sottomess quddiem l-Ewwel Qorti u li l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju u li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex jiġu mposti l-penali kontemplati fil-liġi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

20. Din il-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox tesprimi b'ċertu sens ta' frustrazzjoni l-mod kif inhu mressaq dan l-appell. Appell ta' mitejn u

ħmistax-il paġna inkluż numru konsiderevoli ta' dokumenti, miżgħud b'ripetizzjonijiet inutili, ħafna drabi kompletament irrilevanti. Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, hemm diversi partijiet ta' dan l-appell li jagħmluha diffiċli tifhem sewwa sew x'inhu jipprova jniżżel l-avukat li ffirma l-att.

21. Fejn appell huwa intavolat minn konvenut kontumaċi, bħalma huwa l-appell li għandna quddiemna, il-ġurisprudenza hija konkordi li f'tali ċirkostanzi l-parti kontumaċi għandha dritt li tappella, dejjem fil-limitazzjonijiet inflitti fuqha nfisha. F'tali ċirkostanzi bħal dawk li ppreżentaw ruħhom quddiemna b'dan l-appell, din il-Qorti għandha qabel kollox tikkunsidra l-aggravju marbut mal-istat ta' kontumaċja biex tara jekk hemmx raġunijiet validi li jiskużaw in-nuqqas marbut mal-kontumaċja (ara **London Services Ltd v. Regina Bianca Ltd** - Appell Superjuri - 31 ta' Lulju, 2003 **Sister Luigia Grech nomine et. v. Anthony Mercieca Ciancio** - Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 1994; **Joseph Aquilina noe et v. Lino Debono** - Appell Superjuri - 7 ta' Ottubru, 1997).

22. **Artikolu 158 (10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi: "*Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħal li kieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss.*"

23. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo**[3] mogħtija fid-29 ta' Mejju, 1937 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mill-Imħallef William Harding fejn in materja ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:

> "1. Il-kontumacja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;
>
> 2. Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;
>
> 3. Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;
>
> 4. Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;
>
> 5. L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;
>
> 6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;
>
> 7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "*una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*";
>
> 8. L-impossibbiltà li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali."

24. F'lokha l-osservazzjoni li għamlet din il-Qorti fis-sentenza **Noel Calleja et v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2005:

> "Dan magħdud, però, xorta waħda jibqa' mhux għalkollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja <u>jidher</u>

[3] (Vol XXIX.i.1581).

> personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorità ġudizzjarja. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota[4] fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (sottolinear ta' dik il-Qorti)

25. L-istitut tal-kontumaċja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imħarrek li ma jsegwix ir-regoli tal-proċedura jistħoqqlu l-piena li ma jitħallix iressaq provi. Minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tapplikaha b'mod restrittiv b'mod li fejn jirriżulta li n-nuqqas ma kienx att intenzjonat jew riżultat ta' negliġenza grassa, allura jista' jitqies li l-kontumaċja ġiet ġustifikata (ara. **Av. Dr. Tonio Fenech noe. v. Interdrive Limited et** - Appell Superjuri - 30 ta' Novembru, 2015; **Trident Developments Ltd et v. Joseph Cordina** - Appell Superjuri - 5 ta' Marzu, 2020).

26. Madankollu ġie riaffermat li r-regoli u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponu ż-żmien għat-tressiq ta' atti ġudizzjarji jitqiesu ta' ordni pubbliku u huma maħsuba li jiżguraw it-tmexxija tajba tal-proċess ġudizzjarju u joqogħdu mal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt (ara **Alan Brincat Mummery v. Dorianne Brincat Mummery** - Appell Superjuri - 13 ta'

[4] Nota ta' eċċezzjonijiet, illum risposta ġuramentata.

Marzu, 2024). F'sentenza reċenti mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2025 fl-ismijiet **Roberta Borg v. Kevin Borg** ġie mtenni li ladarba l-liġi tagħti żmien biex titressaq il-kontestazzjoni ta' kawża notifikata kif imiss lill-parti mħarrka, it-tressiq ta' dak l-att wara għeluq iż-żmien preskritt iġib miegħu raġuni għat-tneħħija ta' dak l-att.

27. L-appellant jisħaq li fl-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti huwa deher kif deher ukoll fis-seduti li ġew wara u jirreferi għall-ġurisprudenza fejn jingħad illi l-kontumaċja trid tkun mhux biss formali imma wkoll sostanzjali, fis-sens illi skont l-appellant ma hemmx kontumaċja jekk il-konvenut jidher fl-udjenza. Dwar din ix-xorta ta' sottomissjoni, ġie mfisser minn din il-Qorti fis-sentenza **Emanuel Ebejer et v. Philip Attard** mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2000 li l-fatt li konvenut kontumaċi jidher fiżikament quddiem il-Qorti ma jfissirx li awtomatikament issana l-kontumaċja tiegħu imma d-dehra tal-konvenut kontumaċi quddiem il-Qorti hija biss indikazzjoni tad-disponibbiltà tiegħu f'dak il-mument li jassoġġetta ruħu għall-proċess ġudizzjarju. Tenniet li xorta waħda jibqgħalu l-obbligu li jikkonvinċi lill-Qorti li n-nuqqas tiegħu ma kienx ta' kontumelja li timmanifesta ruħha wkoll u prinċipalment fi traskuraġni grossolana. Sabiex l-istat ta' kontumela jiġi superat jeħtieġ li l-konvenut jiġġustifika b'mod raġunat u bi spjega oġġettivament valida.

28. L-appellanti jilmentaw illi ċ-ċaħda tal-Ewwel Qorti li tippermettilhom iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom wara li skada t-terminu legali jekwivali għall-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq. Għalkemm huwa minnu illi min ma jirnexxielux jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu jispiċċa f'sitwazzjoni fejn aktar isegwi l-proċedura milli jikkumbatti l-pretensjonijiet fil-konfront tiegħu; fl-istess ħin dan ma jammontax għal ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Kif ġie mfisser mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **B. Grima & Sons Ltd v. l-Avukat tal-Istat** mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2022, kemm-il darba parti f'kawża titqies kontumaċi minħabba li tkun naqset li tressaq att fiż-żmien mogħti lilha, u ma tkunx lanqas seħħilha tiġġustifika dik il-kontumaċja billi ġġib 'il quddiem raġunijiet tajba għat-tardività, dik il-qagħda ma tissarrafx f'ċaħda ta' jedd ta' aċċess għall-Qorti kif mifhum fl-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**. Żiedet tgħid:

> "li għalkemm il-qagħda ta' kontumaċja mhux ġustifikata ġġib limitazzjonijiet fil-mod kif parti kontumaċi tmexxi l-każ tagħha, il-liġi tagħna xorta waħda tagħtiha rimedji proċedurali li biha tista' tfisser il-każ tagħha, u għalhekk jitħares dak il-jedd ta' aċċess għal Qorti fid-determinazzjoni fil-mertu tal-każ. Dan kollu jħares il-prinċipju li l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala stqarrija jew ammissjoni tal-azzjoni attriċi, imma ta' kontestazzjoni għaliha u li titfa' fuq Qorti li tkun il-piż li tqis sewwa l-każ u tagħmel ħaqq fl-aspetti sostantivi tal-każ li jkollha quddiemha."

29. Niġu issa għall-qofol tal-aggravju u ċjoè l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qieset li l-konvenuti ma ressqux raġunijiet tajba li jiġġustikaw it-tardività fil-preżentata tar-risposta ġuramentata. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

"Jirriżulta, u dan mill-kronoloġija tal-fatti li l-risposta ġuramentata ġiet ippreżentata wara li skada it-terminu ta' għoxrin jum. Minħabba f'hekk l-atturi qed jitolbu li tali risposta tiġi sfilzata u l-konvenuti ddikjarati kontumaċi.

Għal din it-talba l-konvenuti jgħidu li għandha tiġi miċħuda u in sostenn ta' dan ippreżentaw rikors (recte. risposta) fis-6 ta' Frar, 2023.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-konvenuti bir-risposta voluminuża tagħhom minbarra li jipprovaw jiġġustifikaw il-kontumaċja jressqu talbiet kontra l-attriċi. Mingħajr ebda tlaqliq il-Qorti tagħmilha ċara li dan ma hux il-mod li bih il-konvenuti kien imisshom iressqu t-talbiet tagħhom kif esperiti fir-risposta u għalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess.

Rigward il-kwistjoni ta' kontumaċja l-Qorti tqis illi sabiex persuna tirrendi ruħha kontumaċi hija trid tkun ġiet notifikata bl-att ġudizzjarju iżda minkejja n-notifika pożittiva hija tonqos illi tippreżenta risposta fit-terminu mogħti lilha. Jirriżulta infatti li għalkemm il-konvenuti intimati fir-risposta tagħhom tas-6 ta' Frar, 2022 jgħidu illi l-kundizzjoni ta' saħħet Michael Angelo Zammit irrendietu inkapaċi fiżikament jattendi l-Qorti biex jippreżenta r-risposta ġuramentata, iċ-ċertifikati mediċi ippreżentati minnu juru li l-aħħar li kien rikoverat l-isptar kien f'Marzu, 2023 u li għandu problemi ta' saħħa kroniċi li joħolqulu diffikultà biex jimxi. Barra minn hekk ċertifikat ieħor esebit jmur lura għas-sena 2015.

Il-Qorti tibda biex tinnota li ċ-ċertifikat tas-sena 2015 juri biċ-ċar li l-problemi ta' saħħet il-konvenut intimat ilhom hemm u ma humiex problemi li insorġew dan l-aħħar. Tqis li sfortunatament il-konvenut ilu ta' mill-anqas dawn l-aħħar tmien snin jgħix bil-problemi ta' saħħa deskritti fiċ-ċertifikati mediċi u għalhekk ma jistax jargumenta li ġew fuqu bħal sajjetta fil-bnazzi. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-konvenut jekk verament ma kienx jiflaħ jmur il-qorti u jippreżenta r-risposta ġuramentata seta' faċilment jagħmel użu minn għodod oħra li tagħti l-liġi biex ir-risposta tiġi ppreżentata fil-ħin xorta waħda. Il-Qorti qed tgħid dan għax mill-atti jirriżulta li l-Michaelangelo Zammit kien personalment u fiżikament il-qorti, jattendi għal seduti varji fis-16, 17 u 22 ta' Novembru, 2022.

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tqis li r-raġuni mogħtija mill-konvenut Michael Angelo Zammit biex jiġġustifika l-kontumaċja ma hix waħda attendibbli u sodisfaċenti u għalhekk tqis ukoll li l-aġir tiegħu juri dispett lejn l-Awtorità ta' din l-istess Qorti u għalhekk ser tgħaddi sabiex tordna l-isfilż tar-risposta ġuramentata mill-atti u tiddikjara lill-konvenuti bħala kontumaċi. Dan qed tgħidu billi Michael Angelo Zammit fil-kawża tal-lum qed jidher ukoll bħala direttur u r-rappreżentant legali tas-soċjetà Michael Zammit Holdings Limited, u għalhekk in konsegwenza tan-nuqqas tiegħu tintlaqat ukoll lis-soċjetà konvenuta u li għalhekk ser titqies bħala kontumaċi wkoll."

30. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi dan l-appell mhux biss huwa infondat għall-aħħar, imma wkoll frivolu u vessatorju. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, fiż-żmien inkwistjoni l-konvenut Michaelangelo Zammit attenda fiżikament fl-edifiċju tal-qorti ġewwa Għawdex għal diversi seduti. Apparti l-ewwel dehra fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022 li għaliha attenda l-konvenut, l-Ewwel Qorti semmiet li l-konvenut kien fiżikament preżenti fl-edifiċju tal-Qorti fil-jiem tas-16, 17 u 22 ta' Novembru, 2022. Fl-appell voluminuż tagħhom l-appellanti ma jikkontestawx dak li bħala stat ta' fatt sabet l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti żżid illi apparti t-tlitt ijiem imsemmija mill-Ewwel Qorti, rilevanti wkoll il-jum tal-5 ta' Diċembru, 2022, il-jum li fih ukoll il-konvenut kien fiżikament preżenti fl-edifiċju tal-Qorti meta qabad u ppreżenta r-risposta ġuramentata tardivament mingħajr ma qabel talab li jiġġustifika l-istat ta' kontumaċja tiegħu.

31. Fir-rikors tal-appell interminabbli tagħhom l-appellanti bl-ebda mod ma jattakkaw l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li proprju fil-jiem li kien għaddej it-terminu ta' għoxrin (20) jum lilhom konċess sabiex jikkontestaw il-kawża, Michael Angelo Zammit attenda diversi drabi fl-edifiċju tal-Qorti in konnessjoni ma' proċeduri oħra. Jekk verament kif jgħidu l-appellanti r-risposta ġuramentata kienet ilha lesta ferm qabel skada t-terminu ta' għoxrin jum, il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti hija aktar milli ġustifikata. Huwa evidenti għal din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, illi

n-nuqqas tal-appellanti ma kienx riżultat tal-kundizzjoni medika tal-konvenut appellant imma riżultat ta' negliġenza u traskuraġni grassa.

32. L-appellanti jonqsu milli jispjegaw kif il-konvenut Michael Angelo Zammit kien kapaċi li fiżikament jattendi fl-edifiċju tal-Qorti fil-5 ta' Diċembru, 2022 u mhux ukoll fl-4 ta' Diċembru, 2022, il-jum ta' qabel. Jekk kif qed jgħidu l-appellanti, l-avukat tagħhom kien diġà pprepara r-risposta ġuramentata żmien sew qabel l-4 ta' Diċembru, 2022, in-nuqqas jikber fil-gravità tiegħu u mhux jonqos, kif donnu qed jippretendu l-konvenuti. Jekk dak minnhom allegat għandu mis-sewwa, ma kien hemm l-ebda impediment sabiex qabel l-iskadenza tat-terminu jiġi ppreżentat rikors, sostnut ta' lanqas minn ċertifikat mediku, bi spjega taċ-ċirkostanzi. Rikors li ma kien jeħtieġ l-ebda preżenza fiżika tal-konvenut fl-edifiċju tal-Qorti.

33. In-nuqqas ta' osservanza tar-regoli proċedurali da parti tal-konvenuti appellanti toħroġ ukoll mill-fatt illi ladarba t-terminu statutorju ta' għoxrin jum kien skada, kellhom qabel xejn jottjenu l-permess tal-Qorti qabel jippreżentaw ir-risposta ġuramentata u mhux kif għamlu, jogħdsu rashom u jippreżentawha xorta waħda tardivament, preżumibbilment bit-tama li dak in-nuqqas ma jiġix osservat.

34. Dan mhux aġir skużabbli. Għalkemm din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, hija konvinta li l-konvenut appellant ma kellu l-ebda impediment fiżiku sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fit-terminu legali applikabbli, anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss kien hemm tali impediment, kien l-oneru fuq l-appellant li jressaq tali provi in sostenn, fosthom it-tabib kuranti tiegħu. Mill-atti jirriżulta li fit-3 ta' Frar, 2023 il-konvenut Michael Angelo Zammit, preżenti fl-awla, ġie notifikat bir-rikors għall-isfilz, filwaqt li ġie akkordat lill-konvenuti terminu ta' erbat ijiem għar-risposta. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-17 ta' Frar, 2024 "għat-trattazzjoni tar-rikors". F'risposta ta' erbgħa u tmenin (84) paġna l-konvenuti, għalkemm bl-aktar mod irritwali ressqu sitt (6) talbiet fosthom talbiet għad-danni, fl-ebda waħda ma ntalab sabiex tressaq provi dwar l-impediment fiżiku minnhom allegat. Fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2023 għal darb'oħra l-avukat tal-konvenuti ma għamel l-ebda talba quddiem l-Ewwel Qorti sabiex iressaq xi provi dwar il-kontumaċja tal-patroċinati tiegħu u minflok ipparteċipa fit-trattazzjoni tar-rikors għall-isfilz.

35. Japplika perfettament għal dan l-appell dak li rriteniet din il-Qorti fis-sentenza **Joachim *sive* Jack Serra et. v. Georgina Gauci** mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2010:

> "Issa stat ta' kontumaċja, riżultanti wara proċeduri meħuda a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u ċioè meta l-parti mħarrka tkun dehret u tat spjegazzjoni sodisfaċenti għall-Qorti biex hija tikkontesta t-talbiet attriċi, fil-fehma ta' din il-Qorti, tammonta għall-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti billi turi animu ta' nonkuranza lejn ir-regoli tal-proċedura u rispett lejn dik il-Qorti. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li altru

> li jrid jkun hemm raġunijiet serji biex tiġi spurgata dik il-kontumaċja u, li, fil-każ preżenti, dawn ir-raġunijiet ma jirriżultawx. Fiċ-ċirkostanzi l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud, u konsegwentement il-konvenuta kienet u baqgħet kontumaċi.

36. Għar-raġunijiet fuq miġjuba din il-Qorti tqis illi l-aggravji tal-appellanti ma humiex fondati u huma għalkollox frivoli u vessatorji. Tikkunsidra illi l-Ewwel Qorti kienet altru milli ġustifikata li permezz tad-deċiżjoni appellata tordna l-isfilz tar-risposta ġuramentata ppreżentata tardivament mill-konvenuti.

**L-Appell mis-Sentenza Finali**.

37. Ngħaddu issa għall-appell mis-sentenza finali.

38. L-appellanti jattakkaw is-sentenza finali tat-23 ta' Frar, 2024 billi jsostnu li anke jekk kienu kontumaċi, l-Ewwel Qorti kellha d-dover li tieħu "judicial notice" ta' atti f'kawżi oħra li kienu qed jinstemgħu mill-istess Maġistrat li semgħet din il-kawża. L-appellanti jirreferu għal żewġ kawżi, numri 28/2022 u 100/2022, f'liema kawżi r-rappreżentant tas-soċjetà appellata jidher bħala konvenut f'isem kumpanija oħra li mhix parti fil-kawża quddiemna.

39. L-appellanti mbagħad jgħaddu sabiex jirriproduċu l-eċċezzjonijiet li kienu jinstabu fir-risposta ġuramentata tagħhom li ġiet sfilzata. Jgħidu illi

l-Ewwel Qorti kellha ssib illi l-konvenuti ma kinux leġittimi kontradittur peress li lanqas biss kienu jafu li s-soċjetà attriċi teżisti. Skonthom, ir-relazzjoni ġuridika tagħhom kienet ma' kumpanija oħra ta' John Vella, Island Farmhouses Limited (C 25788). Jiċċitaw in sostenn kawża pendenti quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) numru 24/2022BS mibdija mill-appellant Michael Angelo Zammit għan-nom tas-soċjetà appellanti Michael Zammit Holdings Limited kontra John Vella għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Island Farmhouses Limited, kif ukoll kawża oħra pendenti quddiem l-istess qorti mibdija wkoll mill-appellant għan-nom tas-soċjetà appellanti kontra diversi persuni fosthom kontra l-kumpanija appellata. Isemmu kif minħabba l-kawża odjerna kienu talbu li l-kumpanija appellata tissejjaħ fil-kawża 91/2022, talba li ġiet milqugħa b'digriet tat-18 ta' Awwissu, 2023.

40. Minn paġna 135 sa paġna 141 tar-rikors tal-appell, l-appellanti jirriproduċu fotokopja ta' relazzjoni mħejjija minn perit tekniku nominat fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni numru 24/2022/1BS. Jgħidu illi l-Ewwel Qorti kien missha ħadet konjizzjoni ta' dan ir-rapport, li skonthom huwa prova li "l-istess Appellati kienu invadew l-istess Proprjetajiet tal-istess Esponenti Appellanti." Jikkritikaw lill-Ewwel Qorti li ma għamlitx referenza għal sentenza dwar azzjoni ta' spoll fl-ismijiet "***Ellul Filomena v. Ellul Carmel sive Charles***" mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta'

Jannar, 2003. Jgħidu l-appellanti illi ladarba kien hemm spoll fuq il-proprjetà tagħhom allura "l-ebda dritt ta' azzjoni ma jista' joħroġ minn kuntratt illegali". Jikkritikaw lill-Ewwel Qorti li "donnha riedet wkoll tippremja lill-istess Appellati talli fetħu din l-istess Kawża odjerna sabiex jitħallsu talli invadew l-istess Proprjetajiet tal-istess Esponenti Appellanti".

41. Jgħaddu mbagħad sabiex jiċċitaw minn sentenzi mogħtija mill-qrati fl-Indja u fir-Renju Unit b'sostenn tal-aggravju tagħhom illi min jersaq lejn il-qrati għandu jersaq b'idejn nodfa. Jissottomettu li s-soċjetà appellata ma ressqitx il-provi kollha rilevanti għall-mertu tal-kawża.

42. Isemmu mbagħad sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Awwissu, 2022 fl-ismijiet ***il-Pulizija v. Edward Caruana***. Jgħidu li f'dik is-sentenza x-xhieda ta' John Vella ġiet skartata u l-imputat ġie liberat. Jagħmlu referenza, kif ukoll jirriproduċu, estratti minn gazzetta lokali tal-24 ta' Ġunju, 2023 u jisiltu l-argument li l-Ewwel Qorti kellha tieħu inkonsiderazzjoni li r-rappreżentant tas-soċjetà appellata għandu fedina penali ħażina.

43. L-appellanti jinsistu illi peress li kienu jafu x'inhu għaddej ġewwa Għawdex huma "qatt ma afdaw lill-istess diretturi tal-istess appellati aħseb u ara kemm kienu ser jafdawhom jagħmlu xi xogħlijiet f'isimhom".

Iżidu jgħidu li kien għalhekk li nfetħu diversi kawżi kontra d-diretturi tal-kumpanija appellata kif ukoll kontra l-kumpaniji l-oħra tal-istess diretturi. Jgħidu illi meta tqis dan kollu, id-depożizzjoni tad-diretturi tal-kumpanija appellata hija "ta' ftit jew xejn valur" u dan bi tħaddim tal-prinċipju "*falsum in uno, falsum in omnibus*". Jisħqu illi b'effett tad-diversi kawżi li l-appellanti ċċitaw fir-rikors tal-appell tagħhom il-kredibbiltà tad-diretturi tal-appellata tiġi fix-xejn għaliex "huma manifestament foloz" u li għalhekk japplika wkoll il-prinċipju "*ex turpi causa non oritur actio*".

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

44. L-appellanti qed jinsistu illi għalkemm huma kontumaċi l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni ta' atti li jinstabu f'kawżi oħra, uħud minnhom fejn hemm xi ħadd mill-partijiet fil-kawża odjerna, oħrajn fejn ħadd mill-partijiet ma hu fihom.

45. L-appellanti jinsistu li l-Ewwel Qorti kellha tieħu qies mhux biss tal-provi li jinstabu fil-proċess ta' din il-kawża imma wkoll ta' provi li jinstabu fi proċessi ta' kawżi oħra, fil-maġġorparti tagħhom kawżi li għadhom pendenti. Jagħmlu l-argument li peress li uħud minnhom huma pendenti quddiem l-istess ġudikant li tat is-sentenza appellata, allura l-Ewwel Qorti kienet fid-dover li tikkunsidrahom meta ġiet sabiex tiddeċiedi l-kawża odjerna.

46. Din il-Qorti tgħid bla tlaqliq illi l-appell dwar is-sentenza finali huwa għalkollox fieragħ u vessatorju. Dan ma hu xejn għajr tentattiv fjakk kif l-appellanti qed jittentaw, bl-aktar mod proċeduralment skorrett, iqiegħdu fl-atti ta' din il-kawża provi li ma setgħux iressqu quddiem l-Ewwel Qorti minħabba n-negliġenza grossolana tagħhom li tefgħethom fi stat ta' kontumaċja.

47. Din il-Qorti ħarset lejn it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali li l-avukati tal-partijiet għamlu quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2023. Jissottometti hekk l-avukat li deher għall-konvenuti kontumaċi, l-Avukat Carmelo Gatt:

> "Mela ladarba ma stajniex indaħħlu l-provi tagħna aħna qegħdin nitolbu lill-Qorti, għandha diversi kawżi fuq l-istess mertu, fl-istess ċirkustanzi, mela jekk naraw ir-rapport li għamel il-Perit Alexei Pace fil-Mandat ta' Inbizzjoni 24/2022 quddiem, u nfittxu l-paġna numru sebgħa (7), hawnhekk jagħmilha ċara, il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet tidher illi l-kantuniera tal-bini mmarkata A fuq il-pjanta annessa Dok 'APO 2', filwaqt li ma hemmx hekk kisra simili fuq in-naħa mmarkata B għall-kantuniera ta' dak ikkontestat fuq il-post waqt l-aċċess u li *prima facie* jindika illi l-kostruzzjoni mhix lil hinn mil-linja diviżorja għal ġol-proprjetà Zero (0) li hija l-proprjetà tas-Sur Zammit jew tas-soċjetà konvenuta, ċirka point seven six (0.76) metres. Għalhekk tali invażjoni, mela bdiet titkellem fuq invażjoni.
>
> Aħna nikkontendu, hu qed jitlob ukoll illi ssir *survey* dettaljata biex tkun ċert, din hija *prima facie* li qal. Mela ladarba huwa ċar li saret invażjoni jridu permess biex jibnu fuq proprjetà ta' terzi, il-permess qatt ma ġabuh, is-Sur Zammit qatt ma tahom il-permess. Allura kulma għamlu kien *ex turpi causa*, huma għamlu xogħol li mhux suppost għamlu u qegħdin jippretendu ħlas ta' xi ħaġa li mhux suppost għamlu, *add insult to injury*. Aħna qegħdin nitolbu wkoll quddiem din il-Qorti wkoll fuq spoll, li sar spoll. Anzi ppruvajna ndaħħlu wkoll mandat ta' inbizzjoni talli biddlu l-art ta' Randu f'miżbla illegali.

> Għaldaqstant ladarba jeżisti l-prinċipju tal-*judicial notice* qegħdin nitolbu lil din il-Qorti tikkunsidra dan il-fatt ma' fatti oħra. Ladarba saret invażjoni, ladarba s-Sur Zammit ma tahomx il-permess jagħmlu xogħlijiet fuq l-artijiet tiegħu, messhom l-ewwel ħadu l-permess tagħhom, mhux qabdu ħadu l-liġi b'idejhom, inkella hawnhekk niġu fi stat fejn l-istat tad-dritt ma jeżistix, fejn il-liġi tal-ġungla teżisti, imma l-istat tad-dritt ma jeżistix. Hawn saret invażjoni, invażjoni bejn pajjiż u ieħor ssir gwerra talli ssir invażjoni, minflok qegħdin Alla jbierek nagħtu raġun lil min għamel l-invażjoni u nħallsuh talli għamel invażjoni. Aħna rridu jneħħi dik l-invażjoni, dik il-proprjetà, kwalunkwe xogħol li għamel hemm irid jitneħħa."

48. Kif jirriżulta minn dan l-estratt, l-unika att imsemmi mill-Avukat Gatt kien rapport ta' perit tekniku li jinstab fl-atti ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li ma jiffurmax parti mill-atti tal-kawża odjerna. Apparti dak li ser jiġi kkunsidrat aktar 'l isfel, ir-referenzi għall-atti oħra li għamlu l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom huma fi kwalunkwe każ *noviter deductus*. Huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li mhux permess li l-partijiet iressqu kwistjonijiet ġodda quddiem il-Qorti tal-Appell li ma jkunux ressqu quddiem il-Qorti tal-ewwel grad (ara **A+ Building Products Limited v. Kurt Galea Pace pro et noe** - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2023; **Gheiti and Sons Limited v. Perit Arkitett Colin Zammit et** - Appell Superjuri - 11 ta' April, 2024; u **Joan Spiteri v. Anthony Spiteri et** - Appell Superjuri - 21 ta' Novembru, 2024).

49. Huwa għalhekk aġir li jirrappreżenta d-diżonestà dak tal-Avukat Carmelo Gatt li f'rikors tal-appell interminabbli jakkuża lill-Ewwel Qorti li ma ħaditx konjizzjoni ta' ruxmata atti oħra msemmija fir-rikors fuq l-allegazzjonijiet li suppost l-Ewwel Qorti kienet taf bihom, jew għaliex ġew

rapportati fil-gazzetti jew inkella għaliex huma kawżi oħra, fil-maġġorparti tagħhom bejn terzi, li wkoll qed jinstemgħu mill-istess ġudikant. Dan l-aġir tal-Avukat Carmelo Gatt huwa altament bi ksur tal-obbligi li l-Avukat Gatt għandu mhux biss bħala avukat difensur imma wkoll, jekk mhux aktar, bħala uffiċjal tal-Qrati Maltin. Jekk xejn, dan l-aġir huwa kontinwazzjoni tan-non kuranza tar-regoli tal-proċedura li bdew quddiem l-Ewwel Qorti u kkargaw quddiem din il-Qorti.

50. Dak kollu li fir-rikors tal-appell tagħhom jirreferu għalih l-appellanti, u ma jinstabx fl-atti, l-Ewwel Qorti kellha mhux biss il-jedd, imma wkoll id-dover li tiskartah, bi tħaddim tal-massima *quod non est in acti non est in mundo*. Dan għaliex qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' fatti li dwarhom ma nġabux provi tal-eżistenza tagħhom. Kull referenza għal provi jew xhieda li ma jirriżultawx mill-atti ma jistgħu jkunu tal-ebda siwi (ara **Rita Camilleri v. Louis *sive* Lewis Camilleri** - Appell Superjuri - 26 ta' Jannar, 2018; **Joseph Filletti v. GlobalCapital Financial Management Limited** - Appell Superjuri - 7 ta' Novembru, 2024). Traskrizzjonijiet ta' xhieda, rapporti ta' periti u atti f'kawża ma għandhom l-ebda valur probatorju f'kawża oħra, sakemm il-ġudikant fil-kawża l-oħra, b'eċċezzjoni għar-regola, ma jqisx li huma provi rilevanti u jippermetti li kopja tagħhom tiġi inserita fil-proċess tal-kawża li l-ġudikant ikollu quddiemu.

51. Huwa minnu li skont l-**Artikolu 627 (e) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta, l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju. Huwa minnu wkoll li **Artikolu 632 (1) tal-Kap. 12** jipprovdi li kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova (ara **Emanuel Borg v. Anna Clews** - Appell Inferjuri - 27 ta' Frar, 2009). Imma huwa daqstant ieħor minnu li d-divjet kontra konvenut kontumaċi milli jressaq provi huwa wieħed assolut u ma jipprovdi ebda eċċezzjoni. Bilkemm huwa meħtieġ li jingħad illi kif konvenut kontumaċi ma għandux jedd iressaq provi, hekk ukoll m'għandux jedd jirreferi għall-provi li jinstabu fi proċessi ta' kawżi oħra.

52. Fi kwalunkwe każ, l-unika att li l-Avukat Carmelo Gatt semma fit-trattazzjoni finali tiegħu kien rapport ta' perit tekniku li jinsab fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni.

53. Sewwa għamlet l-Ewwel Qorti li ma ħaditx dak ir-rapport in konsiderazzjoni ġaladarba ma jiffurmax parti mill-atti tal-kawża odjerna.

54. Peress li l-aggravji tal-appellanti dwar is-sentenza finali appellata huma għalkollox imsejsa fuq atti li ma jiffurmawx parti mill-atti tal-kawża

odjerna, issib l-appell infondat, fieragħ u vessatorju u għalhekk qed tiċħdu.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenuti u tikkonferma sew id-deċiżjoni tat-30 ta' Marzu, 2023, kif ukoll is-sentenza finali tat-23 ta' Frar, 2024.

Bl-ispejjeż ta' dan l-appell jinġarru mill-konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom.

Peress li tqis dan l-appell bħala wieħed għalkollox fieragħ u vessatorju, b'applikazzjoni tal-**Artikolu 223 (4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tikkundanna lill-konvenuti appellanti, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-appellata l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da